MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 124/2004

Nazzareno Theuma f'ismu proprju u ghan-nom ta' bintu l-minuri Amy- Theresa u Anne-Theresa Theuma .

VS

Direttur tar-Registru Pubbliku .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha, l-attur proprio et nomine, wara li ppremetta :

Illi hu, Nazzareno dejjem kiteb kunjomu Theuma, hekk kif jista' jigi dedott mic-certifikat hawn mehmuz u mmarkat dok ID .

Illi c-certifikat tat-twelid kif irregistrat fir-registru Pubbliku u li qed jigi hawn mehmuz u mmarkat Dok "A" juri isem ir-rikorrenti miktub minghajr il-"h" u cioe' Teuma ; u

Illi dan l-izbal sehh ghal darba ohra fuq ic-certifikat taz-zwieg Dok. C ;

Illi fic-certifikat tat-twelid ta’ bintu Amy Theresa l-kunjom tar-rikorrenti inkiteb diversament u cioe’ bhala Thewma ; Dok, “B”.

Talab lil konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :

1. Tawtorizza t-tiswija u r-registrazzjoni tal-kunjom fic-certifikat tat-twelid u taz-zwieg bin-numru progressiv ta’ l-iskrizzjoni 646/1960 u 109/1988 rispettivament skond il-provedimenti tal-artiklu 253 tal-Kodici civili, sabiex il-kunjom tar-rikorrent kull fejn jirrikorri jinkiteb bl-‘h’ u bl-‘u’ u cioe’ THEUMA .

2. Tordna illi l-bdil effettwat fl-att tat-twelid bir-registrazzjoni msemmija jigi rifless f’kull att ta’ l-istat civili relattiv tar-rikorrent kif ukoll ta’ bintu Amy-Theresa fl-att tat-twelid numru 175 tas-sena 1990 u dan skond l-artiklu 253 (3) tal-kapitlu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Tordna wkoll illi l-bdil awtorizzat fl-att taz-zwieg jigi rifless f’kull att pubbliku tar-rikorrent kif ukoll ta’ martu Anne Theresa .

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess attur proprio et nomine, minnu kkonfermata bil-gurament .

Rat ukoll id-dokumenti annessi ma’ l-istess citazzjoni, u cioe’ bhala dokument “A” certifikat tat-twelid ta’ l-attur miktub Nazzareno Teuma att numru 646 tal-1960 ; bhala dokument “B” certifikat tat-twelid ta’ Amy Theresa Thewma att numru 175 tal-1990 ; bhala dokument “C” certifikat taz-zwieg ta’ l-attur, li jgib in-numru 109/1988 ; bhala dokument “D” kopja tad-dokument tal-passaport tal-konjugi Nazzareno u Anne Theresa bil-kunjom miktub – Teuma ; u bhal dokument “ID” kopja ta’ passport tal-minuri Amy-Theresa bil-kunjom miktub Theuma u tal-karta ta’ l-

Identita’ ta’ Nazzareno bil-kunjom miktub Theuma u ta’ Anne Theresa bil-kunjom miktub Teuma .
Rat ir-rikors ta’ l-attur tad-9 ta’ Dicembru, 2004, li permezz tieghu li jipprocedi ghal din il-kawza permezz ta’ l-ghajnuna legali .
Rat id-degriet taghha tad-9 ta’ Dicembru, 2004, li permezz tieghu laqghet it-talba .

Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenut, li ggib id-data ta’ l-erbgha (4) ta’ Jannar, 2005 .

Semghet lill-attur, jixhed u jikkonferma bil-gurament tieghu illi huwa kunjomu Theuma bl-“h”, u cioe’ spelluta “THEUMA” .

Il-Qorti, ghal hekk, u peress illi jidhrilha li t-talbiet attrici huma gustifikati, tilqa’ l-istess talbiet attrici, u

1. Tawtorizza t-tiswija u r-registrazzjoni tal-kunjom fic-certifikat tat-twelid u taz-zwieg bin-numru progressiv ta’ l-iskrizzjoni 646/1960 u l-iehor bin-numru 109/1988 skond il-provedimenti tal-artiklu 253 tal-Kodici civili, sabiex il-kunjom ta’ l-attur kull fejn jirrikorri jinkiteb bl-‘h’ u bil-‘u’ u cioe’ THEUMA .

2. Tordna illi l-bdil effettwat fl-att tat-twelid bir-registrazzjoni msemmija jigi rifless f’kull att ta’ l-istat civili relattiv tar-rikorrent kif ukoll ta’ bintu Amy-Theresa fl-att tat-twelid numru 175 tas-sena 1990 u dan skond l-artiklu 253 (3) tal-kapitlu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Tordna wkoll illi l-bdil awtorizzat fl-att taz-zwieg jigi rifless f’kull att pubbliku ta’ l-attur kif ukoll ta’ martu Anne Theresa .

Minhabba n-natura ta’ din il-kawza, ma ghandux ikun hemm spejjez .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------